# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 998/98**

**Numru 25**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Ersilia Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma komplessiva ta' sitt mija erba u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm674.88c) rappresentanti ammonti arretrati dovuti lill-istess socjeta attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 317269 gia numru 517269 skond l-istatement anness mal-avviz

(Dokument A) u dan wara it-talba tal-konvenuta ghall-istallazzjoni ta’ linja tat-telephone (Dokument B).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Dicembru 1997 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 15 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi s-socjeta’ attrici m’ghandha tiehu l-ebda ammont minghanda peress illi qatt ma kien hemm xi relazzjoni ta’ natura guridika bejn il-partijiet fir-rigward tas-servizz tat-telefon bin-numru 317269 gia 517269 stante illi s-somma allegatament dovuta kienet tirrifletti l-perjodu meta kienet tezisti l-Korporazzjoni Telemalta u ma saret l-ebda assenjazzjoni ta’ kreditu lis-socjeta’ attrici kif stabbilit fil-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq eccepit ghandha tigi kjamata in kawza Claire Mifsud Torres ghar-ragunijiet msemmija fir-rikors gia pprezentat quddiem din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici;

4. Salve eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Is-socjeta attrici giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fit-2 ta' Awissu 1999 u li bih giet michuda t-talba tal-konvenut sabiex tigi kjamata in kawza Claire Mifsud Torres (ara fol 18 u fol 19 sa 22 tal-istess atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'dan il-kaz, is-socjeta attrici ipproduciet lill-<u>P.L. Noel Scerri</u> li, fix-xhieda tieghu (fol 31 ibid) ikkonferma li l-konvenuta ghandha thallas lill-istess socjeta attrici s-somma specifikata fl-avviz (ara ukoll id-<u>dokumenti</u> a fol 2 u 3 tal-atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti taghha, l-konvenuta ma ressqet ebda prova sabiex tghid ghaliex l-istess ammont ma hux dovut minnha.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenuta lanqas ma ssottomettiet xi raguni sabiex tista tigi akkolta l-ewwel eccezzjoni kif  proposta minnha.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm674.88,0 bl-imghax legali mid-29 ta' Dicembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Dicembru 1997.

Alan Calleja
Deputat Registratur